MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 2547/1996/1

**In-Nutar Dottor Michael Dingli u Victoria Dingli, konjugi**

**vs**

**Joseph Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom tas-Socjeta` JMA Ltd, u OMA Company Limited, Reynold u Monica konjugi Camilleri, Patrick u Maria Vittoria konjugi Camilleri, Dunstan u Nathalie konjugi Crockford, Martin u Gillian konjugi Debono, Gina Balzan, Sina Sammut u Nutar Dottor Patrick Critien bhala ko-pussessuri ghal kull interess li jista' jkollhom u b'digriet ta' l-10 ta' Dicembru, 1997, gew kjamati fil-kawza Joseph Abela u Carmen Mifsud**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTURI**

1. **B’citazzjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili l-atturi appellati ippremettew illi:**
huma proprjetarji tal-garage space mhux ufficjalment markat numru 3 f’kumpless ta’ garage spaces sottostanti l-blokk ta’ garages li jgib in-numri 18 u 19 fi Triq Sir Adrian Dingli, f’Tas- Sliema;

Illi l-atturi jgawdu l-uzu komuni tar-rampa kif ukoll tad-drive in ta’ l-istess kumpless ta’ garage spaces ghal-liema drive l-garage spaces l-ohra kollha ezistenti fl-imsemmi kumpless ta’ garage spaces huma accessibbli;

Illi l-konvenut Joseph Camilleri abbuzivament u illegalment klandestinament u kontra l-volonta` ta’ l-atturi qabad u ghamel xogholijiet gos-saqaf tal-parti komuni ta’ l-imsemmi kumpless ta’ garage spaces billi ghamel toqob fis-saqaf u ghadda katusi u komunikazzjonijiet ta’ drenagg ohra minn gos-soqfa ghal go l-ispazju komuni ta’ l-istess kumpless ta’ garage spaces u dana skond rapport tekniku tal-Perit Arkitett Alberto Miceli Farrugia liema xogholijiet jservu unikament lill-fond sovrastanti ta’ dan l-ispazju u b’hekk il-konvenut Joseph Camilleri ikkommetta spoll ricenti u vjolenti fil-konfront ta’ l-atturi.

Illi ghalkemm il-konvenut Joseph Camilleri kien gie interpellat mill-atturi sabiex ihalli liberu l-ispazju tal-kumpless ta’ garage spaces minnu okkupat kif ukoll sabiex jirripristina lill-istess atturi fil-godiment tad-drittijiet taghhom naqas milli jaghmel dan u ghal dawn ir-ragunijiet talbu lill-istess Qorti sabiex:

(I) Jigi dikjarat u deciz mill-Qorti li l-konvenut Joseph Camilleri kkommetta spoll vjolenti u ricenti fil-konfront ta’ l-atturi meta esegwixxa xogholijiet gos-saqaf u okkupa parti mill-ispazju komuni tal-kumpless ta’ “garage spaces” sottostanti l-blokk ta’ appartamenti li jgib in-numri 18 u 19 fi Triq Sir Adrian Dingli, f’Tas-Sliema.

(II) Li konsegwentement jigi kundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss inehhi kull kostruzzjoni jew xogholijiet abbuzivi li esegwixxa kif ukoll sabiex jaqla' l-katusi u komunikazzjonijiet l-ohra ta' drenagg illi huwa wahhal fl-ispazju komuni ta' l-imsemmi kumpless ta' garage spaces ta' liema spazju l-atturi jgawdu l-uzu komuni sabiex b'hekk jirripristina l-atturi fil-godiment tad-drittijiet taghhom kollha u dana okkorrendo taht sorveljanza ta' periti nominandi;

(III) Fin-nuqqas m'ghadhomx l-istess atturi jigu awtorizzati minn din il-Qorti sabiex jaghmlu huma stess okkorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi dawk ix-xogholijiet kollha necessarji u li jigu ordnati li jsiru minn din il-Qorti u dan a spejjez ta' l-istess konvenut Camilleri;

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT JOSEPH CAMILLERI**

2. Il-konvenut Joseph Camilleri eccepixxa hekk:

(I) Illi huwa gie mharrek erronjament fil-kapacita` tieghu personali u mhux fil-kompitu tieghu ta' direttur tas-socjeta` JMA Limited sid tal-proprjeta` sovrastanti ta' l-ispazju imsemmi mill-atturi u li ghamlet ix-xogholijiet imsemmija;

(II) Fil-mertu ma jirrizulta bl-ebda mod illi sar xi spoll meta saru x-xogholijiet imsemmija mill-atturi ghaliex ma gie ngumbrat l-ebda spazju u fil-fatt ma jirrizultawx inoltre li b'tali xogholijiet l-atturi soffrew minn xi okkupazzjoni ta' spazju komuni tal-kumpless in kwistjoni jew b'xi mod tnaqqsilhom il-godiment tad-drittijiet taghhom;

(III) Illi inoltre l-istess xogholijiet saru mis-socjeta` JMA Limited jew delegat taghha fis-saqaf tal-basement skond il-ligi taht l-ebda pretensjoni ta' dritt u kif awtorizzat mill-vendituri OMA Co Limited fuq l-att ta' akkwist tal-proprjeta` relattiva fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 9 ta' Awissu, 1996;

(IV) Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. **B'sentenza tat-2 ta' Ottubru, 2000, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili iddecidiet li:**

ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti fl-ewwel lok tillibera lill-konvenuti kollha hlief ghall-konvenut Joseph Camilleri mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi u fl-istess hin tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Camilleri billi tiddikjara li huwa ikkommetta spoll vjolenti u ricenti fil-konfront ta' l-atturi meta esegwixxa xogholijiet gos-saqaf u okkupa parti mill-ispazju komuni tal-kumpless tal-garage spaces sottostanti l-blokk ta' garages li jgib in-numri 18 u 19, fi Triq Sir Adrian Dingli f'Tas-Sliema;

tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi smien tlett xhur mil-lum inehhi kull kostruzzjoni jew xogholijiet abbusivi li esegwixxa kif ukoll sabiex jaqla' l-katusi u l-komunikazzjonijiet l-ohra tad-drenagg illi huwa wahhal fl-ispazju komuni ta' l-imsemmi kumpless ta' garage spaces; fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi jezegwixxi l-istess xogholijiet a spejjez tal-konvenut Camilleri liema xogholijiet sew fil-kaz li jsiru mill-konvenut Camilleri sew fil-kaz li jsiru mill-atturi ghandhom jigu ezegwiti taht is-sorveljanza ta' l-AIC Rene Buttigieg.

L-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-perit mahtur b'din is-sentenza hlief ghal dawk gia` decizi aktar 'il fuq ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Joseph Camilleri.

**L-APPELL TAL-KONVENUT JOSEPH CAMILLERI PROPRIO**

4. **Il-konvenut Joseph Camilleri proprio hass ruhu aggravat mis-sentenza moghtija u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti fuq l-aggravji segwenti:**

Illi jigi sottomess illi l-Qorti tal-Prim Istanza waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li tat interpretazzjoni tal-ligi korretta izda ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti wara li skartat ir-rapport tal-perit tekniku minnha stess mahtur u

dan rigwardanti kemm is-sid tal-garage in kwistjoni kif ukoll l-ezekutur tax-xogholijiet mertu tal-kawza.

Mid-dikjarazzjoni intavolata ma' l-eccezzjonijiet, mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda mhux kontestata ta' Joseph Camilleri nnifsu huwa indisputat illi:

a) kienet is-socjeta` JMA Limited l-akkwirenti tal-garage li jigi sovrastanti l-garage space ta' l-atturi u mhux Joseph Camilleri;

b) kienet l-istess socjeta` u mhux Joseph Camilleri illi ghamlet ix-xogholijiet mertu ta' din il-kawza sabiex tezercita dritt li hija biss akkwistat u sabiex titma l-garage proprjeta` taghha unikament u mhux ta' Joseph Camilleri.

Qieghed jigi umilment sottomess illi dan il-fatt semplici u mhux ikkontestat sfugga kompletament lill-ewwel Qorti illi ghal xi raguni mkien ma jigi spjegat fis-sentenza moghtija kif fuq imsemmi ghazlet illi tiddentifika minflok lil Joseph Camileri ''il-konvenut Joseph Camilleri ghandu garage sovrastanti in parti l-imsemmija garage spaces'' kemm bhala sid kif ukoll bhala ezekutur tax-xogholijiet imsemmija "mhux kontestat li l-konvenut xi zmien qabel id-9 ta' Awissu, 1996, ghamel xogholijiet fis-saqaf ta' l-arja fejn jinsabu …."

Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghall-premess qieghed ukoll jigi umilment sottomess illi l-ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss ittentat tindaga x'pussess kellhom l-atturi u jekk dan in effetti giex spoljat mix-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` JMA Limited (u mhux l-appellat Camilleri). Dan qieghed jinghad fis-sens illi kwalunkwe pussess li seta' kellhom l-atturi kien jikkonsisti unikament fit-tgawdija ta' l-uzu u dan sintendi mhux unikament wahedhom izda flimkien ma' terzi tas-saqaf tal-common parts li jwasslu ghall-garage space taghhom.

Wiehed allura jrid bilfors jindaga x'tgawdija kellhom biex jasal ghall-eventwali konkluzjonijiet jekk dan il-pussess giex imkasbar u sahansitra jekk giex imkasbar bix-xogholijiet imwettqa.

U biex wiehed jara x'pussess kellhom l-atturi wiehed irid jara x'uzu inghataw meta akkwistaw il-garage spaces taghhom u dan l-uzu kif kien limitat u/jew imtaqqal b'koncessjonijiet favur terzi proprjetarji jew ko-proprjetarji ta' l-istess blokka bini. B'hekk illi ghalkemm ma hemmx dubju illi l-azzjoni ta' spoll hija wahda ta' natura possessorja u mhux petitorja fil-kaz odjern l-ezami hawnhekk rikjest jaqa' taht il-finijiet tal-ligi ghaliex ma jammontax ghall-indagini fit-titolu izda biss fil-kwalita` tal-pussess li kienu jew setghu jgawdu l-atturi. Dan bl-ebda mod ma gie la indagat mill-ewwel Qorti wisq inqas ippruvat mill-atturi.

Konsegwentement qieghed jigi umilment sottomess illi naqset l-ewwel Qorti milli mqar tezamina jekk ix-xogholijiet illi saru in effetti ikkalpestawx dan il-pussess li kienu jgawdu l-atturi, u bl-istess mod naqsu l-istess atturi illi jgibu prova dwar dan. Jekk dan kellu b'xi mod johrog mir-rapport tal-perit tekniku illi verament dahal fl-indagini petitorja zgur illi dan ma sehhx ghax tajjeb jew hazin dan bl-ebda mod ma ikkonkluda la x'pussess kellhom l-atturi wisq anqas jekk tali pussess giex spoljat mill-konvenuti jew min minnhom.

L-unika konkluzjoni dwar dan tingibed min-nota ta' osservazzonijiet ta' l-atturi illi bir-rispett kollu ma tikkostitwix sors ta' prova jew veracita` izda biss osservazzjoni fuq interpretazzjoni ta' ligi (kif fil-fatt ghamlet) u argumentazzjoni fuq provi migbura. Huwa risaput illi d-dikjarazzjonijiet hemmhekk sitwati comunque ma jikkostitwixxux bl-ebda mod bazi ta' provi li l-Qorti tista' tistrieh fuqhom fil-konsiderazzjonijiet taghha.

Ghaldaqstant il-konvenut Joseph Camilleri proprio talab li din il-**Qorti ta' l-Appell joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet In-Nutar Dottor Michael Dingli Et vs Joseph Camilleri et limitatament fil-konfront tieghu previa l-konferma tas-sentenza fil-konfront tal-konvenuti l-ohra kollha b'dan illi tilqa' wkoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri hawn appellant u tichad anke fil-konfront tieghu t-**

**talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.**

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI N-NUTAR DOTTOR MICHAEL DINGLI U VICTORIA DINGLI, KONJUGI.</u>**

5. L-atturi appellati wiegbu hekk:
Illi s-sentenza appellata hija gusta, ekwa u legali u timmerita li tigi konfermata minn dina l-Qorti ta' l-Appell u ghalhekk ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Camilleri ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(I) Illi l-ilmenti tal-konvenut appellant huma tnejn:

a) in-nuqqas ta' prova tal-pussess ta' l-atturi, u

b) in-nuqqas tal-prova li l-konvenut appellant wettaq l-ispoll.

(II) <u>Il-pussess ta' l-atturi</u>

Illi l-kawza odjerna istitwita mill-atturi hija "actio spolii". Ghalhekk hija kawza possessorja u kull aspett ta' indole petitorju huwa eskluz. L-iskop ta' din il-kawza huwa li tirristabilixxi l-pussess kif kien qabel ma dan gie turbat bil-forza minn min jippretendi li jista' jiehu l-ligi b'idejh biex jakkwista dak li *jallega* li ghandu d-dritt ghalih. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti ezaminat il-fatt tal-pussess u l-fatt ta' l-ispoll.

Illi l-elementi essenzjali ta' l-ispoll huma tlieta, u cioe` (I) il-pussess (*possedisse*) (ii) l-ispoll (*spoliatum fuisse*) u (iii) l-azzjoni giet intavolata fi zmien xahrejn (*infra bimestre deduxisse*). L-atturi fil-fatt issodisfaw ir-rekwiziti kollha ta' l-ispoll fil-konfront tal-konvenut appellant u ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti akkoljiet it-talbiet kollha taghhom.

(III) <u>Il-konvenut appellant wettaq l-ispoll</u>

L-iskuzanti tal-konvenut appellant huma purament ta' natura petitorja. Jekk il-konvenut appellant deherlu li kellu

d-dritt jaghmel ix-xogholijiet li ghamel ghall-motivi minnu stess indikati, l-ezekuzzjoni ma setghetx issir meta kien jaf li hemm opposizzjoni cara u netta mill-atturi li bl-azzjoni tieghu kienu ser jigu vjolati d-drittijiet ta' l-istess atturi. Di piu` il-Qorti stess hija prekluza milli tindaga kwistjoni ta' natura petitorja f'azzjoni purament possessorja (Vol. XLIII.823).

Illi l-ewwel Qorti ghamlet sewwa li ma addottatx il-konkluzjonijiet peritali u minflok iddecidiet billi laqghet it-talbiet attrici. Il-perit peritali, li per professjoni huwa arkitett u inginier civili u ghalhekk bir-rispett kollu mhuwiex bniedem legali, ma apprezzax l-elementi legali ta' l-azzjoni ta' l-ispoll. Huwa dahal b'ruhu u gismu fl-indagini ta' kwistjoni purament petitorja billi wara li ezamina l-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenut appellant irritjena illi l-istess konvenut appellant ottempera ruhu mal-kontenut ta' dana l-kuntratt ta' l-akkwist fejn gie awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet mehtiega biex jghaqqad is-sistema tad-drenagg tieghu mas-sistema ezistenti tad-drenaggg tal-blokk – a bazi ta' hekk irrelata kontra t-talbiet attrici. Illi ghalhekk kienet ghaqlija l-ewwel Qorti meta injorat u warrbet il-konkluzjonijiet peritali.

Illi waqt il-provi tal-kawza irrizulta car illi kien il-konvenut appellant, u cioe` proprio, li wettaq l-ispoll u ghalhekk kienet gusta l-ewwel Qorti meta laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut appellant. L-istess konvenut appellant ma jistax jinheba wara l-hsieb illi meta kkommetta l-ispoll, li gie ampjament ippruvat, huwa kien qed jahdem fil-vesti ghan-nom tal-kumpanija tieghu. Huwa gie mharrek fic-citazzjoni mill-atturi kemm proprio kif ukoll nomine. U jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, din il-Qorti jidhrilha li meta l-konvenut appellant ikkommetta l-ispoll huwa kien qed jahdem nomine, allura hija dejjem tista' tirriforma s-sentenza f'dan is-sens.

Talbu ghalhekk li s-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanza kontra l-konvenut appellant.

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

6. Dan l-appell jirrigwarda azzjoni ta' spoll li giet intavolata mill-atturi u deciza favurihom u kontra l-konvenut Joseph Camilleri proprio, l-odjern appellant, u dan wara li l-ewwel Qorti warrbet ir-relazzjoni peritali sottomessa mill-perit gudizzjarju (perit arkitett) li kien ta' fehma kuntrarja.

7. Illi huwa minnu li f'kawzi ta' spoll, l-element tal-pussess jinghata priorita` u risalt fuq konsiderazzjonijiet ohra u m'hemmx htiega li wiehed jindaga t-titolu ta' min ikun gie spussessat il-ghaliex b'tali ezercizzju ikun ifisser li l-Qorti tkun dahlet fil-peritorju. Trattandosi pero` ta' proprjeta` gawduta in komun u minn diversi ko-possessuri, m'huwiex proceduralment irregolari li xi wahda mill-partijiet tithalla turi, almenu prima facie, x'inhu ezattament gawdut minn kull possessur relattivament ghal dik il-proprjeta`. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li jista` jirrizulta li ghalkemm wiehed ikun igawdi d-dritt ta' uzu, darba li dan l-uzu ma huwiex wiehed esklussiv imma kondiviz ma haddiehor, jista' jkun hemm il-possibilita` li dak l-uzu jkun ukoll b'xi mod assoggettat ghal xi dritt iehor bhalma hu servitu`.

8. Fil-fatt, ghalkemm ma jidhirx li gie kkontestat li l-atturi tassew "igawdu l-uzu komuni tar-rampa kif ukoll tad-*drive in*" f'kumpless ta' "garage spaces" sottostanti l-blokk ta' appartamenti bin-numri 18 u 19 fi Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, flimkien ma' ko-possessuri ohrajn, is-socjeta` konvenuta JMA Ltd gabet prova – li m'hijiex kontradetta – li tali pussess huwa wiehed ikkwalifikat fis-sens li huwa suggett ghal servitu`. Huwa minnu li f'azzjonijiet ta' spoll l-aspett petitorju huwa estraneju ghal kawzi simili imma ghall-fini ta' agir vjolenti jew klandestin, fattur inerenti fl-ispoll, jista` jinfluwixxi l-fatt li l-allegat spoljant ikun agixxa "in buona fede" u konformement ma' dak li hu attwalment jippossjedi.

9. Fil-kaz in ezami jirrizulta li dak kollu li hu possedut mill-atturi appellati kien gawdut flimkien ma ko-possessuri ohrajn. Irrizulta inoltre li l-"garage spaces" in kwistjoni huma sottostanti ghal blokk ta' appartamenti muniti b'sistema ta' katusi u komunikazzjonijiet ohra ta' drenagg biex bihom jinqdew id-diversi utenti ta' dawn l-

appartamenti. Wiehed minn dawn l-utenti kienet is-socjeta` JMR Ltd. Dina qeghdha tallega li ghalkemm kien minnu li hija, tramite l-konvenut Joseph Camilleri, intraprendiet xogholijiet ta’ tqeghid ta’ katusi u komunikazzjoni ta’ drenagg, u dan ukoll billi ghamlet toqba fl-ispazji tal-garaxxijiet sottostanti, li dan pero` ghamlitu bi dritt in kwantu kienet tgawdi minn jedd moghti lilha esplicitament mis-socjeta` venditrici li minnha hija akkwistat il-proprjeta` taghha, igifieri mill-kumpanija OMA Co. Ltd. Fil-fatt, il-perit gudizzjarju kien tal-fehma li tali xoghol sar ai termini tal-kuntratt ta’ akkwist datat id-9 ta’ Marzu 1996 (ara Dok A1 fol 16 u 17 tal-process). Tibqa’ dejjem pero` l-kwistjoni kemm f’kawza ta’ spoll bhal din in ezami, hu konsentit ghal xi parti li tittanta tispurga l-att spoljattiv billi tidhol fil-petitorju. Fil-fehma tal-Qorti fejn il-pussess m’huwiex wiehed esklussiv imma gawdut flimkien ma’ ko-possessuri ohra u fejn ukoll jidher evidenti li tezisti sistema kumplessa ta’ katusi u komunikazzjonijiet ohra ta’ drenagg, ghandu jkun hemm lok biex, ta’ lanqas <u>prima facie</u>, kull parti tithalla turi <u>f’hiex ezattament jikkonsisti l-pussess li dwaru hemm kontestazzjoni</u>. Prova dwar pussess ma tekwivalix necessarjament ghal titlu ta’ proprjeta`. Kwindi mhux kull prova li tingieb mill-parti <u>dwar il-pussess</u> ghandha titqies bhala intruzjoni fil-petitorju.

10. Maghdud is-suespost, xorta wahda jifdal ostakolu serju iehor x’jigi rizolt ghall-fini ta’ konferma o meno tas-sentenza appellata, in vista ta’ l-aggravju sollevat mill-konvenut appellant Joseph Camilleri, dwar <u>min</u> ezatt kellu jirrispondi ghat-twettiq ta’ l-allegat spoll, fil-kaz li kellu jirrizulta li kien hemm tassew att spoljattiv.

Mill-provi akkwiziti ghandu jirrizulta kjarament li minkejja li fizikament ix-xoghol <u>de quo</u> sar mill-konvenut Joseph Camilleri, fil-fatt pero` hemm il-prova li turi li kollox sar f’isem u ghan-nom tas-socjeta` JMA Ltd. Jekk fil-mument li giet intavolata l-kawza l-atturi setghu jghidu li huma kienu identifikaw biss lill-konvenut Joseph Camilleri bhala l-persuna li esegwiet ix-xogholijiet, pero` huwa cert illi minn dak li eccepixxa u xehed, bla ma gie kontradett, Joseph Camilleri, hemm provi sufficjenti li juru li <u>f’kull kaz jekk sar spoll dan ma sarx mill-konvenut Joseph Camilleri</u>

imma mis-socjeta` JMA Ltd. Lanqas ma jista' jinghad ghalhekk li l-atturi setghu gew "sorprizi" b'xi operat da parti tal-konvenut appellant, ghar-raguni li jirrizulta li, in vista ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Joseph Camilleri proprio f'dan is-sens, il-patrocinant legali ta' l-atturi kien pront jitlob "korrezzjoni fis-sens li kull fejn jirrikorri l-isem Joseph Camilleri jizdiedu l-kliem f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta` JMA Ltd" (ara verbal u digriet a fol 18 tal-process). Il-konvenut proprio aderixxa ghal din it-talba u ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta. Stabbilit mill-provi li s-sid tal-fond sovrastanti l-"garage space" ta' l-atturi u tal-konvenuti l-ohra kienet is-socjeta` JMA Ltd u stabbilit ukoll mill-provi prodotti li kull xoghol li gie esegwit sar f'isem u fuq inkarigu moghti minn din is-socjeta`, l-ewwel Qorti ma kien messha qatt tqis u zzomm responsabbli ghall-akkadut lill-konvenut Joseph Camilleri proprio u wisq u wisq anqas ma kellha ghalfejn, espressament,
'<u>tillibera lill-konvenuti kollha</u> hlief ghal konvenut Joseph Camilleri, mill-osservanza tal-gudizzju." (Sottolinear tal-Qorti).

11. Issa li kieku kellu jirrizulta li l-atturi appellaw incidentalment mis-sentenza appellata allura din il-parti tas-sentenza setghet tigi riformata imma l-appell sar biss mill-konvenut Joseph Camilleri proprio u billi l-atturi ma appellaw minn ebda parti tas-sentenza, isegwi li dik il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward "tal-konvenuti l-ohra kollha" tibqa' bla mittiefsa. In kwantu mbaghad jirrizulta lil din il-Qorti li effettivament kulma sar kien ad istanza tas-socjeta` JMA Ltd, ifisser li l-konvenut appellant zgur ma setax jigi tenut bhala dak li kkommetta l-ispoll, kif ikkonkludiet zbaljatament il-Qorti ta' l-ewwel grad. Ghalhekk hemm lok ghall-akkoljiment ta' l-appell interpost mill-konvenut proprio.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-konvenut proprio, <u>tirrevoka</u> s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi <u>limitatament</u> ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici fil-

konfront tal-konvenut Joseph Camilleri, b'dan li tibqa' invarjata dik il-parti tas-sentenza rigwardanti l-konvenuti appellati l-ohra kollha li dwarha ma gie intavolat ebda appell; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------